PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapport
Mill-Kumitat għal-libertajiet ċivili, il-ġustizzja u l-intern dwar id-delegazzjoni għall-Olanda

RAPPORTEUR: Simon BUSUTTIL

Introduzzjoni

Delegazzjoni ta' erba' MEPs (ara l-lista tal-parteċipanti - anness 1) ivvjaġġat lejn l-Olanda fid-19 ta' Diċembru 2007. Martine ROURE (PSE) mexxiet id-delegazzjoni u r-Rapporteur maħtur kien Simon BUSUTTIL (EPP-ED)[1].

L-iskop tad-delegazzjoni kien li taċċerta direttament is-sitwazzjoni dwar l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-ażil u l-migranti rregolari fl-Olanda, li tiġi analizzata s-sitwazzjoni attwali taċ-Ċentru ta' Detenzjoni għall-Migranti Illegali ta' Schiphol u li ssir evalwazzjoni dwar kif id-direttivi u r-regolamenti tal-UE qed jiġu implimentati f'dak il-pajjiż.

Id-Direttivi msemmijin hawn fuq irreferew għal dan li ġej:

- Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-ażil (Direttiva għall-Akkoljenza);
- Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat[2] (Direttiva għall-Proċedura);
- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz [3] (Regolament Dublin II).

[1] Ara l-Lista tal-Parteċipanti, Anness 1
[2] *Ġurnal Uffiċjali L 326, 13&12&2005 P. 0013 - 0034*
[3] *Ġurnal Uffiċjali L 050 , 25/02/2003 P. 0001 - 0010*

Din iż-żjara fl-Olanda segwiet delegazzjonijiet simili għall-Italja (Lampedusa), Spanja (Ceuta u Melilla, Il-Gżejjer Canary), Franza (Pariġi), Malta, il-Greċja (Samos u Ateni), il-Belġju, u r-Renju Unit.

L-aġenda tad-delegazzjoni kienet tinkludi żjara fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Schiphol[1], laqgħa mas-Segretarju tal-Istat Olandiż għall-Ġustizzja, is-Sinjura Nebahat ALBAYRAK fil-Ministeru tal-Ġustizzja (The Hague) u laqgħa ma' diversi organizzazzjonijiet li huma involuti fi żjajjar lil persuni miżmuma fiċ-ċentri ta' detenzjoni jew inkella li huma attivi lokalment fil-qasam tal-ażil u l-immigrazzjoni (ara l-Lista tal-organizzazzjonijiet - Anness 3).

Qabel iż-żjara tagħha fl-Olanda, id-delegazzjoni rċeviet informazzjoni mingħand organizzazzjonijiet u NGOs li huma attivi fil-qasam tal-immigrazzjoni u l-ażil, bħall-Amnesty International, il-Kunsill Olandiż għar-Rifuġjati, il-Kunsill Ewropew għar-Rifuġjati u l-Eżiljati, il-Lega Olandiża għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-BLinN (Xogħol Sfurzat fl-Olanda), id-Difiża Internazzjonali għat-Tfal, Kerkinactie u mingħand il-Professur Van Kalmthout.

Il-membri ngħataw ukoll dokumenti minn NGOs u aġenziji Governattivi li jikkonċernaw il-modalitajiet tal-ażil u l-immigrazzjoni fl-Olanda, kif ukoll informazzjoni speċifika rigward il-proċedura għal minorenni u persuni miżmuma taħt arrest amministrattiv.

Id-delegazzjoni kienet akkumpanjata mis-Servizz Awdjoviżiv tal-Parlament Ewropew li kien qed jaħdem ma' kru tat-TV lokali. L-idea kienet li tiġi ppreżentata dik l-attività tal-Kumitat LIBE madwar l-Ewropa permezz tas-Satellita (EbS). Iż-żjara ngħatat rapport tajjeb mill-istampa. L-MEPs taw konferenza stampa flimkien mas-Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja, wara l-laqgħa magħha fil-Ministeru tal-Ġustizzja f'The Hague.

Sfond

2.1 Leġiżlazzjoni u servizzi responsabbli mill-implimentazzjoni tal-politika tal-immigrazzjoni

L-Att tas-sena 2000 dwar il-frustieri, li daħal fis-seħħ f'April tal-2001, issimplifika l-proċedura tal-ażil u għamilha iktar effiċjenti.

L-aġenzija responsabbli mill-implimentazzjoni tal-Att dwar il-Frustieri hija s-Servizz għall-Immigrazzjoni u n-Naturalizzazzjoni (IND - Immigratie- en Naturalisatiedienst). L-aġenzija taqa' taħt ir-responsabilità tal-Ministeru tal-Ġustizzja u hija responsabbli mill-ipproċessar tal-applikazzjonijiet kollha għad-dħul u r-residenza fl-Olanda, inklużi dawk għall-ażil.

Partijiet oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-politika tal-frustieri huma :

- ir-**Royal Marechaussee**
  Li tieħu ħsieb:

[1] Detentiecentrum Noord-Holland, Ten Pol 64, 1438 AJ OUDE MEER

- L-akkoljenza ta' ċittadini barranin fil-fruntieri bejn l-Olanda u l-Belġju u bejn l-Olanda u l-Ġermanja, fil-portijiet u l-ajruporti (primarjament fl-Ajruport ta' Schiphol).

- L-iskorta ta' ċittadini barranin li eżawrew ir-rimedji legali kollha u ma jistgħux joqogħdu fl-Olanda u l-iskorta ta' kwalunkwe persuna miċħuda l-aċċess fil-fruntieri Olandiżi.

- l-**Aġenzija Ċentrali għall-Akkoljenza ta' min ifittex l-Ażil (Centraal Orgaan opvang asielzoekers (COA))**
  Li tieħu ħsieb:
  - Li tipprovdi akkomodazzjoni għal min ifittex l-ażil, u taċċerta li min ifittex l-ażil juża istituzzjonijiet eżistenti soċjali u tas-saħħa.
  - Li toffri attivitajiet li jtejbu ċ-ċansijiet ta' min ifittex l-ażil li jkollu ħajja indipendenti, kemm fil-pajjiż tiegħu ta' oriġini u anke fl-Olanda.

- is-**Servizz ta' Ripatrijazzjoni u Tluq (Dienst Terugkeer & Vertrek)**
  - Mill-1 ta' Jannar 2007 ir-ritorn ta' ċittadini barranin li mhumiex intitolati li joqogħdu l-Olanda ħa ħsiebu s-Servizz ta' Ripatrijazzjoni u Tluq. Din hija organizzazzjoni eżekuttiva tal-Ministeru tal-Ġustizzja.

- L-**Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM)**
  Li tieħu ħsieb:
  - Toffri appoġġ lil ċittadini barranin li volontarjament jirritornaw lejn il-pajjiż tagħhom ta' oriġini.

2.2 Il-Leġiżlazzjoni Olandiża għall-Ażil u l-Applikazzjoni għall-Ażil

Skont il-liġi Olandiża għall-Ażil, hemm sitt każijiet meta l-ażil jista' jingħata. Dawn huma li ġejjin:

(a) fil-każ ta' rifuġjati skont it-termini tal-Konvenzjoni;

(b) meta persuna tagħmel każ kredibbli li għandha raġunijiet sodi biex temmen li jekk tiġi mkeċċija ser tissogra li tiġi suġġetta għat-tortura jew għal trattament jew kastig inuman jew degradanti;

(c) meta persuna ma tistax, minħabba raġunijiet urġenti ta' natura umanitarja konnessi mar-raġunijiet għat-tluq tagħha mill-pajjiż ta' oriġini, raġonevolment tiġi mistennija, fl-opinjoni tal-Ministru, li tirritorna lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħha;

(d) meta r-ritorn lejn il-pajjiż ta' oriġini, fl-opinjoni tal-Ministru Tagħna, joħloq tbatija kbira b'konnessjoni mas-sitwazzjoni ġenerali t'hemm;

(e) meta persuna li tappartieni, bħala r-raġel, il-mara jew wild minorenni, għall-familja ta' frustier kif referut f'(a) sa (d), tkun tal-istess nazzjonalità bħall-frustier u tkun jew daħlet fl-Olanda fl-istess żmien bħall-frustier jew tkun daħlet fi żmien tliet xhur mid-data li fiha l-frustier

li saret referenza għalih f'(a) sa (d) ikun ġie mogħti permess ta' residenza għall-aħil;

(f) meta persuna, bħala s-sieħba domestika jew wild adult, tkun dipendenti fuq il-frustier li għalih saret referenza f'(a) sa (d) sakemm tappartieni għall-familja ta' dan il-frustier, għandha l-istess nazzjonalità bħal dan il-frustier u daħlet fl-Olanda fl-istess żmien bħal dan il-frustier jew fi żmien tliet xhur mid-data li fiha l-frustier li saret referenza għalih f'(a) sa (d) ikun ġie mogħti permess ta' residenza għall-aħil.

Persuna li tixtieq tapplika għall-aħil tista' tissottometti applikazzjoni f'wieħed mit-tliet ċentri tas-Servizz tal-Immigrazzjoni u n-Naturalizzazzjoni (IND) fejn isiru l-applikazzjonijiet: Ter Apel, Zevenaar jew Schiphol. L-applikazzjoni tista' ssir jew fil-mument tad-dħul, ħafna drabi wara li l-frustier ikun ġie maqbud mill-awtoritajiet waqt li jkun qed jipprova jidħol fil-pajjiż illegalment, jew sussegwentement, wara li jkun ġie mogħti l-permess għad-dħul.

Jekk il-persuna li qed tfittex l-aħil titlob għall-aħil wara d-dħul bl-art (*landside*), għandha tagħmel talba fiċ-Ċentru t'Applikazzjoni f'Ter Apel. Persuna bħal din ħafna drabi titpoġġa f'ċentru t'akkoljenza temporanja u mbagħad terġa' tmur fiċ-Ċentru t'Applikazzjoni f'Ter Apel jew f'Zevenaar biex tiġi intervistata.

Jekk il-persuna li qed tfittex l-aħil titlob għall-aħil qabel id-dħul bl-ajru (*airside*), il-persuna tittieħed fiċ-ċentru t'applikazzjoni f'Schiphol fi ftit sigħat. Sussegwentement din il-persuna ma titħalliex tidħol fil-pajjiż u titpoġġa f'ċentru ta' detenzjoni.

Kważi ħadd mill-persuni li qed ifittxu l-aħil fiċ-Ċentru f'Schiphol m'għandu dokument tal-ivvjaġġar validu jew dokument tal-ivvjaġġar validu bil-visa meħtieġa u l-mezzi suffiċjenti biex iħallas kemm l-ispejjeż biex joqgħod fl-Olanda kif ukoll l-ispejjeż għall-vjaġġ f'post barra mill-Olanda fejn id-dħul huwa garantit.

Il-proċedura għat-tfittxija tal-aħil tibda malli l-applikazzjoni tkun iffirmata.

a) L-ewwel intervista

L-ewwel stadju huwa intervista preliminari, li sservi biex tistabbilixxi l-identità, in-nazzjonalità u l-itinerarju taċ-ċittadin barrani.

Huwa hawnhekk fejn l-applikazzjoni tiġi eżaminata sew biex jiġi deċiż jekk, skont il-Proċedura Dublin, l-Olanda hix responsabbli mill-ipproċessar tal-applikazzjoni jew jekk din ir-responsabiltà taqax fuq xi Stat Membru ieħor. Jekk Stat Membru ieħor huwa responsabbli, l-IND titlob li l-Istat imsemmi jassumi r-responsabiltà tal-applikazzjoni. Hekk kif l-Istat l-ieħor jaqbel li jassumi din ir-responsabiltà, il-persuna li qed tfittex l-aħil trid tmur f'dak l-Istat fi żmien sitt xhur. Madankollu, l-IND dejjem tista' tagħżel li tittratta l-applikazzjoni hi stess, anke f'każijiet fejn Stati Membri oħrajn huma responsabbli.

Wara l-intervista tal-bidu, l-IND tinvestiga jekk l-applikazzjoni għall-aħil jistħoqqilhiex iktar proċessar fiċ-ċentru ta' applikazzjoni (Proċedura Aċċelerata), jew jekk il-proċedura għall-aħil għandhiex titkompla fl-uffiċċju tal-eżaminazzjoni (Proċedura Normali).

Dan joħloq żewġ possibiltajiet:

- Proċedura Aċċelerata: l-IND tistenna li tilħaq deċiżjoni fi żmien 48 siegħa (minn erbgħa sa sitt ijiem xogħol). Il-persuna li qed tfittex l-ażil imbagħad ikollha t-tieni intervista dettaljata fiċ-ċentru ta' applikazzjoni.

- Proċedura Normali: l-investigazzjoni tirrikjiedi iktar ħin. Il-proċedura għall-ażil tkompli f'uffiċċju tal-ipproċessar tal-IND. Il-persuna li qed tfittex l-ażil ħafna drabi tmur f'ċentru t'akkoljenza tal-Aġenzija Ċentrali għall-Akkoljenza għal Dawk li qegħdin ifittxu l-Ażil (COA). Din l-applikazzjoni għall-ażil trid tiġi trattata fi żmien sitt xhur. Dan ġie stipulat bil-liġi.

Perjodu ta' trattament ta' sitt xhur jibda hekk kif l-applikazzjoni tkun sottomessa. Dan jista' jittawwal b'sitt xhur oħra jekk tkun meħtieġa iktar riċerka, per eżempju minn terza persuna.

b) Intervista dettaljata

i) Każ ta' Proċedura Aċċelerata:

Il-persuna li qed tfittex l-ażil li t-talba tagħha tiġi trattata fi proċedura aċċelerata għandha sagħtejn ċans biex tissottometti korrezzjonijiet fit-traskrizzjonijiet tal-ewwel intervista, li għalihom tirċievi assistenza legali u, jekk ikun meħtieġ, interpretu.

Dawn is-sagħtejn jintużaw ukoll biex tħejji ruħha għall-intervista li jkun imiss, fejn il-persuna li qed tfittex l-ażil trid tagħti l-informazzjoni relevanti kollha u tqajjem il-kwistjonijiet relevanti kollha. Qabel tirrifjuta talba għall-ażil, l-IND għandha tgħarraf lill-applikant bid-deċiżjoni intenzjonata tagħha li tirrifjuta l-applikazzjoni. Il-persuna li qed tfittex l-ażil għandha l-opportunità li tikkummenta u tirrispondi fi żmien tliet sigħat. Huwa biss f'dan l-istadju, li l-IND tkun tista' tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni għall-ażil.

Terġa', l-IND tista' tirrifjuta l-applikazzjoni għall-ażil, u f'tali każ l-applikant jista' jitlob reviżjoni ġudizzjarja. Minflok, l-IND tista' tirreferi lill-persuna li qed tfittex l-ażil għall-proċedura ta' deċiżjoni regolari.

ii) Każ ta' Proċedura Normali:

Jekk applikazzjoni għall-ażil ma tkunx tista' tiġi trattata fi żmien 48 siegħa, l-applikazzjoni tgħaddi għand Uffiċċju tal-Eżaminar. Sadanittant, il-persuna li qed tfittex l-żil tkun f'ċentru t'akkoljenza provdut mis-COA (Organizzazzjoni Ċentrali għall-Akkoljenza ta' min qed ifittex l-Ażil), tal-inqas sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Konsulent legali u, jekk ikun meħtieġ, interpretu jassisti lill-applikant waqt l-intervista dettaljata. Rapport tal-intervista jingħata lill-persuna li qed tfittex l-żil, li tkun tista' teżaminah flimkien mal-avukat tagħha. Il-persuna li qed tfittex l-żil ikollha ċ-ċans li tissottometti korrezzjonijiet u informazzjoni addizzjonali lill-awtoritajiet.

Qabel tirrifjuta talba għall-ażil, l-IND għandha tgħarraf lill-applikant bid-deċiżjoni intenzjonata tagħha li tirrifjuta l-applikazzjoni. Il-persuna li qed tfittex l-ażil għandha l-opportunità li tikkummenta u tirrispondi fi żmien erba' ġimgħat. Huwa biss f'dan l-istadju, li l-IND tkun tista' tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni għall-ażil. Id-deċiżjoni ta' prim istanza trid tittieħed fi żmien sitt xhur.

c) Reviżjoni Ġudizzjarja

i) Appell quddiem il-Qorti tad-Distrett

Fiż-żewġ tipi ta' proċeduri, dik aċċelerata kif ukoll normali, il-persuna li qed tfittex l-ażil għandha d-dritt li tappella kontra deċiżjoni negattiva quddiem il-Qorti tad-Distrett. Fil-proċedura aċċelerata, l-appell m'għandux effett ta' sospensjoni, imma l-persuna li qed tfittex l-ażil tista' titlob lill-qorti biex tħalliha toqgħod fil-pajjiż sakemm tkun qed tistenna r-riżultat tal-appell. F'ħafna mill-każi, qabel l-applikant jitkeċċa, l-awtoritajiet jistennew ir-riżultat tad-deċiżjoni tal-Qorti.

Fil-każ ta' deċiżjoni pożittiva jew dwar it-talba biex joqgħod fil-pajjiż, jew dwar l-appell, l-applikant imbagħad jiġi referut għall-proċedura ta' deċiżjoni normali. Il-Qorti tad-Distrett ħafna drabi tiddeċiedi dwar iż-żewġ talbiet fl-istess ħin.

ii) Appell quddiem il-Kunsill tal-Istat

Jekk l-ewwel appell, kontra r-rifjut tat-talba għall-ażil, jiġi rifjutat, l-applikant jista' jappella fid-Diviżjoni tal-Ġurisdizzjoni Amministrattiva tal-Kunsill tal-Istat (AJD). Dan l-appell ukoll m'għandux effett ta' sospensjoni. L-applikant jista' madankollu jitlob deċiżjoni pożittiva mill-AJDC rigward id-dritt tiegħu/tagħha li j/tibqa' fil-pajjiż sakemm i/tkun qed j/tistenna r-riżultat tal-appell. It-tkeċċija hija madankollu possibbli qabel id-deċiżjoni tal-AJD dwar it-talba.

d) Id-Deċiżjoni Finali

Wara deċiżjoni finali negattiva dwar l-applikazzjoni tagħhom fil-proċedura aċċelerata, persuni li qed ifittxu l-ażil li ġew rifjutati jiġu ordnati jitilqu mill-pajjiż immedjatament. Persuni skont il-proċedura normali normalment jingħataw 28 ġurnata biex jitilqu mill-pajjiż minn jeddhom. Jekk jonqsu milli jagħmlu dan, jistgħu jiġu sfurzati li jirritornaw lejn pajjiżhom.

2.3 Statistika

Skont l-aħħar statistika tal-IND, total ta' 9,731 applikazzjoni għall-ażil kienu reġistrati fl-Olanda fl-2007. Ħafna mill-applikanti għall-ażil ġew mis-Somalja, l-Iraq, iċ-Ċina, in-Niġerja, l-Iran, l-Afganistan, il-Burundi, Sierra Leone u l-Ertirea. Fl-2007, 1,063 persuna ngħatat l-ażil.

2.4 Detenzjoni

L-Att dwar il-Frustieri jippermetti d-detenzjoni ta' migranti rregolari abbażi ta' żewġ dispożizzjonijiet:

1. **Sezzjoni 6**[1] - tikkonċerna ċittadini barranin li ġew rifjutati d-dħul fil-fruntiera. L-għan ewlieni tad-detenzjoni huwa biex iwaqqafhom milli jidħlu fil-pajjiż illegalment. Huma jistgħu jitpoġġew f'ċella tal-pulizija għal massimu ta' 15-il ġurnata u wara jridu jiġu trasferiti għal xi istituzzjoni b'reġim inqas iebes mis-soltu f'istituzzjoni penitenzjarja ordinarja.

2. **Sezzjoni 59**[2] - din is-sezzjoni tapplika għall-maġġoranza taċ-ċittadini barranin li diġa' daħlu fl-Olanda, sew jekk b'mod leġittimu u sew jekk le, imma li ż-żjara tagħhom mhix jew m'għadhiex valida. L-għan ewlieni tad-detenzjoni huwa biex tiffaċilita t-tkeċċija sfurzata tagħhom u biex twaqqafhom milli jaħarbu.

Kull persuna li tiġi rifjutata d-dħul fit-territorju Olandiż tista' tinżamm taħt arrest. Persuni li qed ifittxu l-ażil li jiġu rifjutati, li d-dokumenti ta' ripatrijazzjoni tagħhom huma jew disponibbli jew mistennija li jkunu disponibbli fi żmien qasir, jistgħu wkoll jinżammu taħt arrest. Jekk wara interrogazzjonijiet mill-Pulizija tal-Frustieri, ikun hemm suspett raġonevoli li barrani tassew m'għandux permess ta' residenza validu, hu/hi j/tiġi miżmum/a f'ċella tal-pulizija (għal massimu ta' 10-15-il ġurnata), segwit minn trasferiment għal ċentru ta' detenzjoni jew istituzzjoni penitenzjarja oħra. Il-persuni li qed ifittxu l-ażil jiġu mċaħħda mil-libertà tagħhom u jittieħdu fl-AC f'Schiphol fejn l-applikazzjoni għall-ażil tiġi evalwata.

---

[1] *Sezzjoni 6*
1. Frustier li ġie rifjutat id-dħul fl-Olanda jista' jintalab li joqgħod xi mkien jew f'post allokat minn uffiċjal għall-kontroll tal-fruntiera.
2. Lok jew post kif imsemmi fis-sottosezzjoni 1 jista' jiġi mgħasses kontra ħruġ mhux awtorizzata.
3. Regoli li għandhom x'jaqsmu mar-reġim applikabbli għal-lok jew il-postmgħasses imsemmi fis-sottosezzjoni 1, inkluż il-miżuri amministrattivi meħtieġa, jistgħu jiġu stipolati mill-Ordni fil-Kunsill.
4.Ordni fil-Kunsill adottata skont is-sottosezzjoni 3 tiġi ppreżentata lż-żewġ Kmamar tal-Istati Ġenerali. Din tidħol fis-seħħ fid-data ffissata mid-digriet irjali, iktar minn erba' ġimgħat wara li tkun ġiet ippreżentata lill-Istati Ġenerali, sakemm tal-inqas wieħed minn kull ħamsa tan-numru kostituzzjonali tal-membri ta' waħda mill-Kmamar ma jesprimix ix-xewqa fi żmien tali perjodu li s-suġġett jiġi regolat minn statut. F'każ bħal dan jiġi introdott Abbozz ta' liġi apposta mill-iktar fis possibbli. Jekk l-Abbozz ta' liġi jiġi rtirat jew jitwaqqa' f'xi waħda mill-Kmamar tal-Istati Ġenerali, l-Ordni fil-Kunsill tiġi rtirata.

[2] *Sezzjoni 59*
1. Jekk ikun meħtieġ fl-interess tal-politika pubblika (ordre public) jew tas-sigurtà nazzjonali, il-Ministru Tagħna jista', bil-ħsieb ta' tkeċċija , jordna r-rimand fil-kustodja ta' frustier li:
(a) mhux resident skont il-liġi;
(b)huwa resident skont il-liġi abbażi tas-sezzjoni 8 (f) u (g).
2. Jekk id-dokumenti meħtieġa għar-ritorn ta' frustier huma disponibbli jew ser ikunu disponibbli fi żmien qasir, huwa meqjus fl-interess tal-politika pubblika (ordre public) li l-frustier jiġi rimandat fil-kustodja, sakemm il-frustier ma kienx resident skont il-liġi abbażi tas-sezzjoni 8 (a) sa (e) u (l).
3.Frustier m'għandux jiġi rimandat fil-kustodja jew ir-rimand għandu jintemm mill-iktar fis possibbli hekk kif il-frustier jindika li jixtieq jitlaq mill-Olanda u jkollu wkoll l-opportunità li jagħmel dan.
4. Ir-rimand fil-kustodja skont subsezzjoni 1 (b) jew subsezzjoni 2 għandu f'kull ċirkostanza jdum mhux iktar minn erba' ġimgħat. Jekk sezzjoni 39 tkun ġiet applikata qabel id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, ir-rimand fil-kustodja skont subsezzjoni 1 (b) għandu f'kull ċirkostanza ma jdumx iktar minn sitt ġimgħat.

2.5 Appell kontra ċ-ċaħda tal-libertà

Wara 28 ġurnata ta' detenzjoni, l-IND hija obbligata li tgħarraf lill-Qorti tad-Distrett bid-detenzjoni, jekk il-persuna miżmuma taħt arrest ma tkunx diġà appellat kontra d-deċiżjoni hi stess.[1] Din in-notifikazzjoni hija kkunsidrata bħala appell. Is-seduta tal-qorti ssir mhux iktar tard minn 14-il ġurnata wara li tasal in-notifikazzjoni jew l-appell. Il-Qorti mbagħad tilħaq deċiżjoni fi żmien sebat ijiem oħra. Kemm l-IND kif ukoll il-persuna miżmuma taħt arrest jistgħu jappellaw kontra din id-deċiżjoni tal-qorti quddiem id-Diviżjoni Amministrattiva tal-Ġustizzja tal-Kunsill tal-Istat. Il-persuna miżmuma taħt arrest tista' tappella kontra d-dewmien tad-detenzjoni x'ħin trid. Din id-deċiżjoni tal-Qorti tad-Distrett ma tistax tiġi appellata quddiem l-AJDC.

2.6 Konvenzjonijiet Internazzjonali u l-liġi Ewropea

L-Olanda hija stat li ħa sehem f'ħafna mill-konvenzjonijiet importanti dwar id-drittijiet tal-bniedem, bħal Il-Konvenzjonijiet Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, u dwar id-Drittijiet Soċjali u Kulturali, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati tal-1951 u l-Protokoll tagħha.

L-Olanda tosserva l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal b'riserva għall-fatt li tfal li jiġu miżmumin taħt arrest mhux dejjem jiġu akkomodati separatament mill-adulti, kif ukoll li d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ma jħallux il-liġi tal-adulti milli tiġi applikata għat-tfal li laħqu l-età ta' 16-il sena.

Id-direttivi u r-regolamenti Ewropej dwar l-ażil japplikaw għall-Olanda. Madankollu, skont rapport tal-Kummissjoni Ewropea ta' Novembru 2007[1], l-Olanda hija fost dawk l-Istati Membri tal-UE imsemmijin mill-Kummissjoni li ma japplikawx b'mod konsistenti d-Direttiva tal-Akkoljenza fiċ-ċentri ta' detenzjoni, u li jneħħu kundizzjonijiet t'akkoljenza f'sitwazzjonijiet li mhumiex awtorizzati mid-Direttiva. Barra minn hekk, rigward il-minorenni miżmumin taħt arrest, ir-Rapport jinnota livell mhux sodisfaċenti ta' faċilitajiet edukattivi. Il-Kummissjoni tfakkar li d-Direttiva ma tippermettix eċċezzjonijiet rigward l-applikabiltà tagħha u li d-dispożizzjonijiet tagħha għandhom japplikaw għat-tipi kollha ta' bini, inklużi ċ-ċentri ta' detenzjoni.

Laqgħa ma' organizzazzjonijiet u NGOs

Il-laqgħa saret fiċ-Ċentru Dinji tal-Laqgħat BIMS fl-Ajruport ta' Schiphol, fid-19 ta' Diċembru 2007, u saret qabel iż-żjara liċ-ċentru ta' detenzjoni. Dawk mistiedna kienu jikkonsistu minn organizzazzjonijiet li jżuru ċ-ċentri ta' detenzjoni regolarment, jew li min-naħa l-oħra huma

[1] Qabel, l-Att dwar il-Frustieri kien jipprevedi li jkun hemm eżami perjodiku awtomatiku kull 28 jum tad-detenzjoni, imma din id-dispożizzjoni kienet ġiet emendata fl-2004 biex isir biss eżami awtomatiku wieħed wara l-ewwel 28 ġurnata, u l-eżamijiet sussegwenti kollha għandhom jintalbu speċifikament mill-persuna li tkun qed tinżamm taħt arrest jew l-avukat tagħha.

attivi fl-oqsma tal-ażil u l-immigrazzjoni. (ara Anness 3)

L-organizzazzjonijiet kienu effiċjenti ħafna fil-mod kif taw il-preżentazzjoni tagħhom. Il-membri tad-delegazzjoni semgħu lill-NGOs bir-reqqa, bir-riserva għall-fatt li l-informazzjoni mogħtija mill-NGOs ma setgħetx tiġi vverifikata mid-delegazzjoni.

Huwa interessanti li wieħed jinnota hawn li ħafna mill-kwistjonijiet imqajmin mill-NGOs .

---

1 Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-ażil, KUMM(2007)745 finali

kellhom x'jaqsmu mad-dispożizzjonijiet tal-liġi Olandiża tal-ażil, iktar milli mal-kundizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu maċ-ċentri ta' detenzjoni, anke jekk dawn tal-aħħar kienu wkoll ikkritikati.

It-tħassib prinċipali tal-NGO identifikat matul il-laqgħa kif ukoll fis-sottomissjonijiet bil-miktub lid-delegazzjoni, jista' jingħata ħjiel tiegħu kif ġej**:**

3.1 In-natura tad-detenzjoni

L-NGOs sostnew li:

a) Il-persuni li qed jinżammu taħt arrest ma wettqu l-ebda reat kriminali. Ħafna minnhom ħarbu mill-persekuzzjoni u l-gwerer u l-biċċa l-kbira minnhom ħarbu minn pajjiżhom bit-tama li jaħarbu l-faqar u jibnu futur fl-Olanda jew x'imkien ieħor. Madankollu huma qed jiġu trattati qishom kriminali. Id-detenzjoni kienet ukoll qed tiżdied fis-snin li għaddew.

b) L-attitudni lejn il-migranti hija inkwetanti wkoll. Ladarba dawn ikunu detenuti jitqiesu illegali u kriminali.

c) Qed ikun hemm ta' spiss detenzjoni li mhix meħtieġa anke jekk xi drabi tkun ċara li t-tkeċċija tal-immigranti hija improbabbli xorta (minħabba nuqqas ta' dokumenti, rifjut min-naħa tal-pajjiż ta' oriġini li jikkopera, eċċ.). Huma jsostnu li dan imur kontra r-regola li persuna li qed tfittex l-ażil li ġiet rifjutata tista' tinżamm taħt arrest biss jekk hemm prospett realistiku għat-tkeċċija tagħha.

d) Fil-każ li jinqabdu migranti rregolari wara li jkunu daħlu fit-territorju Olandiż, il-fatt biss li ma rrappurtawx lilhom infushom, iwassal għal suppożizzjoni li ser jaħarbu, bla ma hemm definizzjoni ċara ta' x'jistabbilixxi 'li wieħed jaħrab'. Dan iwassal għal każijiet ta' detenzjoni bla bżonn.

e) Mhux qed ifittxu alternattivi għad-detenzjoni. Alternattivi bħal dawn per eżempju jistgħu jkunu rappuratar regolari jew inkella f'każijiet fejn japplika migranti jitħallew joqogħdu mal-familjari tagħhom fl-Olanda.

f) Fl-ambitu tal-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Frustieri li jikkonċerna d-detenzjoni tal-fruntieri bil-baħar u bl-ajru, tibda proċedura ta' 48 siegħa u trid tittieħed deċiżjoni dwar jekk migrant għandux jiġi trasferit f'ċentru ta' detenzjoni jew le. Minn dan il-punt 'il quddiem

trid issir investigazzjoni fi żmien 6 ġimgħat. Għalkemm din il-proċedura hija x'aktarx l-aktar applikata, mhux ċar abbażi ta' xiex tinbeda.[1] Migranti jispiċċaw joqogħdu f'detenzjoni għal bejn wieħed u ieħor 100 ġurnata minħabba li dewmien bħal dan jista' jiġi ġustifikat għax ikun hemm 'bżonn ta' investigazzjoni'. Għaldaqstant, anke meta jiġri dan m'hemmx ġustifikazzjoni għala d-detenzjoni ddum iktar minn 6 ġimgħat.

g) Ir-Regolament Dublin ukoll għandu l-effett li jżid id-detenzjoni. Il-migranti jiġu trasferiti f'ċentri ta' detenzjoni u joqogħdu hemm għal bejn wieħed u ieħor 86 ġurnata. Matul dan il-perjodu ta' żmien il-każijiet tagħhom ħafna drabi ma jiġux investigati.

h) L-NGOs sostnew li migranti b'permess "B9" qatt ma messhom inżammu f'detenzjoni.

3.2 It-tul tad-detenzjoni

L-NGOs sostnew li:

a) In-nuqqas ta' limitu ta' żmien għad-detenzjoni huwa problema. Huma osservaw li l-Olanda hija waħda mill-pajjiżi tal-UE li ma tipprovdix limitu ta' żmien għad-detenzjoni. L-Att dwar il-Frustieri 2000 m'għandu l-ebda limitazzjoni dwar id-detenzjoni tal-migranti rregolari. Madankollu l-NGOs irrikonoxxew li l-ġudizzjarja żviluppat perjodu 'massimu' ta' sitt xhur għad-detenzjoni. Fil-prattika, wara sitt xhur ta' detenzjoni, il-Qrati għandhom it-tendenza li jagħtu importanza lid-drittijiet tal-persuna miżmuma taħt arrest, aktar milli lill-kunsiderazzjonijiet tal-Istat.

b) Id-dewmien tad-detenzjoni amministrattiva ta' migranti rregolari fil-prattika jista' xi drabi jdum minn tnax-il xahar sa sena u nofs meta jkunu involuti xi aspetti tal-ordni pubblika. Hawnhekk kien hawn żieda fil-prattika ta' aktar perjodi twal ta' detenzjoni billi jinvolvu aspetti tal-ordni pubblika.

c) Mad-dħul fis-seħħ tal-Att tal-Immigranti l-ġdid, kien hemm tneħħija tat-termini tar-reviżjoni ġudizzjarja minħabba l-akkumulazzjoni tal-każijiet. Sfortunatament mhux l-immigranti kollha jkollhom avukati kapaċi. Kien hemm każ speċifiku fejn migrant inżamm detenut għal 16-il xahar u kien meħlus biss wara li l-Kunsill tar-Rifuġjati żvela dan il-każ.

d) Għandha tiġi stabbilita limitazzjoni statutorja bil-liġi għad-detenzjoni amministrattiva ta' persuni li qed ifittxu l-ażil u migranti rregolari.

3.3 Kundizzjonijiet għad-detenzjoni

L-NGOs sostnew li:

a) Il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni huma bil-wisq agħar minn dawk ta' kriminali Olandiżi "ordinarji".

b) F'ħafna każijiet, minn erbgħa sa sitt persuni qed jinżammu f'ċella waħda. Minbarra n-nuqqas ta' privatezza, nies ta' lingwi u kulturi differenti qed jinżammu flimkien, u dan qed iwassal għal tensjonijiet bla bżonn.

c) M'hemmx aċċess tajjeb għas-servizzi mediċi, inklużi s-servizzi fiżiċi u psikoloġiċi. Persuni li kellhom ilmenti serji dwar mard, ġew miċħudin li jaraw tabib u ngħataw biss kalmanti. Dan hu l-każ b'mod partikolari f'"Kamp Zeist" u fuq id-dgħajjes ta' detenzjoni f'Rotterdam.

d) Persuni miżmumin taħt arrest mhumiex qed jingħataw xogħol u faċilitajiet ta' rikreazzjoni huma ta' kwalità baxxa ħafna. Dan qed iwassalhom għal stat psikiku dgħajjef fil-moħħ.

e) Hemm ħafna lmenti dwar il-kwalità tal-ikel u n-nuqqas ta' kundizzjonijiet iġeniċi, speċjalment fuq id-dgħajjes ta' detenzjoni ta' Rotterdam.

f) Migranti fiċ-ċentru ta' "Kamp Zeist" jitħallew joħorġu barra miċ-ċella tagħhom għal perjodu ta' tliet sigħat.

g) Hemm ukoll ħafna lmenti rigward it-trattament ġenerali mill-gwardjani, li hemm tendenza li ma jkunux kwalifikati għal dax-xogħol. Xi NGOs irrappurtaw diversi każijiet ta' kastigi ħorox kontra persuni detenuti. Kien mistqarr li hemm vjolenza fiżika fuq persuni detenuti - per eżempju s-swat huwa ħaġa regolari, speċjalment mir-'Royal Marechausee'.

h) Huma jibżgħu li hemm riskju kbir li aċċidenti, bħan-nirien li kien hemm fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Schiphol, jerġgħu jirrepetu ruħhom. Minkejja riskji bħal dawn, għad hemm għadd ta' ċentri ta' detenzjoni, bħad-dgħajjes ta' detenzjoni ta' Rotterdam u Kamp Zeist, fejn il-kundizzjonijiet tjiebu biss superfiċjalment jew inkella ma tjiebu xejn. Fil-lejl tas-27 ta' Ottubru 2005, 11-il migrant irregolari mietu f'nirien li tqabbdu fil-faċilità ta' tkeċċija f'Schiphol Oost, filwaqt li 15-il persuna oħra (inklużi l-gwardjani) korrew.

i) M'hemmx kummissjoni għal persuni detenuti jew xi entità oħra li tissalvagwardja d-drittijiet kollettivi tal-migranti f'dawn iċ-ċentri ta' detenzjoni.

j) Hemm ukoll dubji serji dwar l-osservanza tad-Direttiva tal-Akkoljenza. Barra minn hekk il-Protokoll ta' Istanbul għadu mhux stabbilit u mhux qed jiġi implimentat.

3.4 Detenzjoni ta' Gruppi Vulnerabbli

L-NGOs sostnew li:

a) Il-vittmi mhux qed jiġu identifikati mill-migranti l-oħrajn. Per eżempju konsegwenza ta' dan, wara r-riżultat tal-proċedura għad-dħul fl-Olanda, għadd ta' tfajliet Niġerjani spiċċaw f'idejn min imexxi ċrieki ta' prostituzzjoni fil-Ġermanja u fl-Italja.

b) Id-detenzjoni ta' persuni vulnerabbli, speċjalment tfal kienet kwistjoni ta' tħassib kbir għall-NGOs. M'hemmx projbizzjoni statutorja fil-liġi biex tarresta gruppi ta' migranti vulnerabbli bħalma huma l-vittmi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-vittmi tat-

traffikar tal-persuni, migranti trawmatizzati, minorenni waħidhom u tfal migranti u l-familji tagħhom.

c) Fl-2006, saret kampanja kontra d-detenzjoni tat-tfal migranti u l-familji tagħhom, bil-konsegwenza li n-numru ta' tfal migranti u l-familji tagħhom naqas b'mod sinifikanti. Il-gvern Olandiż ħabbar ukoll iktar titjib strutturali fil-politika. Madankollu proposti konkreti għadhom pendenti.

i) Vittmi tat-traffikar tal-bnedmin

L-NGOs sostnew li:

a) Il-vittmi tat-traffikar tal-persuni jistgħu jiġu arrestati minħabba li huma "irregolari" u mitfugħa f'postijiet ta' detenzjoni bħala frustieri. Dan jiġri speċjalment f'każijiet ta' detenzjoni fil-fruntiera. L-għan ta' dawn il-forom ta' detenzjoni hu biex jitħejja r-ritorn tagħhom lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Madankollu l-NGOs jikkalkulaw li nofs il-persuni detenuti biss jistgħu fil-fatt jintbagħtu lura lejn pajjiżhom. Il-bqija eventwalment jinħelsu mingħajr ma l-istatus illegali tagħhom jiġi solvut. Dan qabel xejn jagħmel id-detenzjoni tagħhom inutli.

b) Il-vittmi tat-traffikar tal-persuni li mhumiex rikonoxxuti bħala tali fid-detenzjoni jispiċċaw jew jiġu mibgħutin lura lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom jew inkella jinħelsu. Fiż-żewġ każi jirriskjaw li jiltaqgħu mat-traffikanti tagħhom u li jerġgħu jibdew jitħaddmu taħt kundizzjonijiet ta' sfruttament. Madankollu l-NGOs jirrikonoxxu li vittmi li huma rikonoxxuti bħala tali jistgħu jagħmlu użu minn perjodu ta' riflessjoni ta' tliet xhur. Jekk jiddeċiedu li jikkoperaw mal-pulizija jkunu intitolati għal protezzjoni ta' xhieda speċjali bbażata fuq ir-Regolament "B9", residenza temporanja, akkomodazzjoni f'post ta' kenn, assigurazzjoni medika, għajnuna legali u assistenza soċjali.

c) Hija kwistjoni ta' tħassib li għalkemm l-Olanda ffirmat il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Persuni (2005), ir-ratifikazzjoni tagħha kienet għadha pendenti.

ii) It-Tfal u l-Minorenni

L-NGOs sostnew li:

a) Mir-refuġjati kollha li jiġu l-Olanda, iktar minn kwart għandhom taħt il-15-il sena. Għalkemm ħafna żgħażagħ jaħarbu ma' ġenitur wieħed jew mat-tnejn li huma, hemm ukoll persentaġġ imdaqqas ta' minorenni li ma jkunu akkumpanjati minn ħadd.

b) Iktar minn 30% ta' tfal li jfittxu l-ażil fl-Olanda jkollhom l-applikazzjonijiet tagħhom ikkunsidrati taħt il-proċedura aċċelerata. Barra minn hekk tfal li qed ifittxu l-ażil u li jkunu anke ta' erba' snin ħafna drabi jiġu intervistati mingħajr il-preżenza ta' avukat jew gwardjan.[1]

---

c) Ċerti intervisti mat-tfal jiffokaw fuq mistoqsijiet li mhumiex adattati meta wieħed iqis l-età u l-maturità tat-tfal.

d) Kien hemm ukoll ksur ta' standards internazzjonali u reġjonali fil-politiki u l-prattiċi attwali biex jiġi determinat jekk tifel/tifla hux/hix akkumpanjat/a minn xi ħadd jew le u għalhekk hux/hix fi bżonn ta' kura u protezzjoni, inklużi l-isforzi li huma appoġġjati mill-istat biex jinstabu l-familji tagħhom u jerġgħu jintbagħtu lura lejn pajjiżhom. F'ħafna każi l-gvern jassenja responsabiltà għall-kura tat-tfal li mhumiex akkumpanjat minn xi ħadd lill-qraba residenti fl-Olanda li jiġu minnhom mill-bogħod, anke meta dawk il-qraba jistgħu ma jkunux iridu jew ma jkunux tajbin biex jassumu dik ir-responsabiltà.

e) Hemm minorenni li qed jinżammu fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Schiphol biex jistennew test tal-età. Dan it-test jikkonsisti fit-teħid ta' ritratti ta' ċerti għadam u ma jinvolvi l-ebda evalwazzjoni psikoloġika. Il-kredibiltà ta' dan it-test hija kontroversjali ħafna minħabba li tista' tikkwalifika ħafna minorenni bħala adulti.

f) Id-detenzjoni ta' tfal mal-ġenituri tagħhom, tmur kontra l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li ġiet ratifikata mill-gvern Olandiż fl-1995. Tfal minn etajiet bikrin, minn tfal żgħar sa żgħażagħ ta' 19-il sena qed jiġu mitfugħin il-ħabs, speċjalment f'Heerhugowaard, Kamp Zeist u ċentri f'Zestienhoven.

g) Tfal fil-postijiet ta' detenzjoni qegħdin jiċċaħħdu mid-dritt għall-moviment ħieles, l-edukazzjoni u l-faċilitajiet tal-logħob. Dan jista' jkun trawmatiku għall-aħħar.

h) Rigward id-detenzjoni, l-awtoritajiet Olandiżi mhumiex qed japplikaw il-prinċipju ta' meta ma jkunx hemm aktar x'tagħmel għall-minorenni kollha, imma għall-grupp tal-età sas-16-il sena biss. Bħala riżultat ta' dan minorenni li għandhom iktar minn 16-il sena jistgħu jinżammu detenuti ma' persuni adulti.

i) It-tfal qed ikunu mmanettjati u mitfugħin żgo ċelel ta' iżolament.

j) Il-gwardjani huma mħarrġin biex jaħdmu mal-kriminali iktar milli mat-tfal.

k) Persuni bejn il-15-25 sena li mhumiex akkumpanjati minn xi ħadd għandhom jingħataw iktar kura. Meta l-minorenni jagħlqu t-18-il sena, qed jingħataw biljett tal-ferrovija u jintelqu fit-toroq.

l) Kollox ma' kollox, it-trattament Olandiż tat-tfal li qed ifittxu l-ażil iqajjem mistoqsijiet dwar l-impenn tal-pajjiż li jsegwi l-politiki dwar l-ażil li huma fl-aħjar interess tat-tfal kif inhu mitlub mill-Konvenzjoni tal-NU għad-Drittijiet tat-Tfal.

3.5 Il-proċedura aċċelerata

L-NGOs sostnew li:

a) L-effiċjenza tirbaħ fuq il-protezzjoni fil-Politika Olandiża dwar l-Ażil. Skont l-NGOs il-proċeduri aċċelerati saru r-regola fl-Olanda u l-iskop hu biex din ix-xejra tiżdied kemm jista' jkun.

b) Ġeneralment persuni vulnerabbli u trawmatizzati li qed ifittxu l-ażil, inklużi t-tfal, jeħtieġu ż-żmien biex jistabbilixxu l-fiduċja u l-kunfidenza fil-persuna(i) responsabbli mid-deċiżjoni għat-talba tagħhom, qabel ma jkunu jistgħu jispjegaw ir-raġunijiet għall-ħarba tagħhom jew għall-kawża tat-trawma tagħhom. Persuni li jqajmu talbiet li huma relatati mas-sess tal-persuna u dawk b'mod partikulari li jkunu sofrew it-tortura jew xi trawma ħarxa, jeħtieġu ambjent ta' appoġġ fejn jiġu żgurati mill-kunfidenzjalità tat-talba tagħhom. Il-proċedura aċċelerata ma tippermettix il-ħin meħtieġ biex jiġu stabbiliti l-kunfidenza u l-fiduċja meħtieġa.

c) Il-mekkaniżmu intenzjonat li jgħaġġel l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil – il-proċedura aċċelerata fl-*aanmeldcentra* (ċentri ta' akkoljenza) jew "il-proċedura AC"-mhux qed jintuża b'mod xieraq u bi ftit opportunità biex ikun hemm rimedju għall-iżbalji permezz ta' reviżjoni ġudizzjarja bis-sens.

d) Il-proċedura aċċellerata wkoll ma tippermettix ħin biżżejjed biex dak li qed ifittex l-ażil jistrieħ, biex ikun informat dwar il-proċedura tal-ażil, biex jikkonsulta mal-avukat tiegħu u biex jiġbor l-evidenza ħalli jappoġġa t-talba tiegħu għall-ażil; lanqas m'għandha xi kriterji stabbiliti għar-rifjut. Il-konsegwenzi huma agħar fil-każijiet ta' minorenni li mhumiex akkumpanjati, nies trawmatizzati u nies minn pajjiżi fejn l-abbużi mid-drittijiet tal-bniedem issibhom kull fejn tmur.

e) Il-proċedura tista' wkoll twassal għall-ksur tal-prinċipju tan-*non-refoulement*, peress li ma tippermettix lil dak li qed ifittex l-ażil ħin biżżejjed ħalli jissustanzja t-talba tiegħu u għalhekk tista' twassal biex dan jitreġġa' lura lejn pajjiż fejn ikun esponut għall-persekuzzjoni. In-nuqqas ta' opportunitajiet ta' reviżjoni ġudizzjarja jiggrava dan il-punt.

f) Appell kontra deċiżjoni meħuda fi proċedura aċċellerata m'għandhiex effett ta' sospensjoni awtomatika, anki jekk din tintalab speċifikament. Il-ġurisprudenza għamlitha diffiċli ħafna fil-prattika biex tikseb tali effett ta' sospensjoni li jwassal għal protezzjoni kontra tkeċċijiet li mhumiex ġustifikati. Hawnhekk l-NĠOs jirrakkomandaw illi l-appelli kontra deċiżjonijiet negattivi li jittieħdu fil-bidu nett għandhom ġeneralment jingħataw l-effett awtomatiku ta' sospensjoni.

3.6 Aċċess limitat tal-NGOs għaċ-ċentri

L-NGOs ilmentaw li:

a) L-organizzazzjonijiet Olandiżi jistgħu jiġu reġistrati mill-Ministeru tal-Ġustizzja bħala organizzazzjonijiet mhux ġudizzjarji bl-aċċess għaċ-ċentri ta' detenzjoni. Madankollu l-aċċess huwa limitat għal żjarat uffiċjali fi kmamar tal-viżti separati. Arranġament għal viżta jista' jsir biss wara li jintgħażlu l-persuni li se jkunu viżitati. Dan qed juri li hu ostaklu biex jintlaħqu vittmi potenzjali u gruppi oħra fil-mira bħalma huma l-minorenni.

L-NGOs għandhom bżonn aċċess aktar miftuħ u aktar flessibbli għall-immigranti fiċ-ċentri ta' detenzjoni.

b) Hemm wkoll problemi għall-knisja u għall-gruppi umanitarji li jkunu jridu jagħmlu viżti regulari fiċ-ċentri.

c) Gruppi speċifiċi tal-immigranti 'irregolari' biss jistgħu jintlaħqu. Fil-każijiet ta' detenzjoni tal-fruntieri dawk li applikaw għall-ażil biss huma aċċessibbli. Dawk li jaslu fl-ajruport u ma japplikawx għall-ażil jinżammu f'naħa separata fiċ-ċentru ta' detenzjoni fejn, m'għandhomx aċċess għal għajnuna legali, jew għajnuna mill-NGOs. Fost dawn jista' faċilment ikun hemm minorenni, vittmi tat-traffikar u refuġjati li għandhom ikunu infurmati bil-possibiltà li għandhom biex japplikaw għall-ażil.

d) Informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar x'jiġri f'dawn iċ-ċentri hija skarsa. L-NGOs sostnew ukoll li hemm ħafna pressjoni biex jevitaw li partiti li għandhom aċċess jitħaddtu dwar kwistjonijiet ta' trattament inuman suspettuż.

3.7 Tħassib ieħor imfisser mill-NGOs

L-NGOs sostnew li:

a) Iż-żieda fl-ordnijiet ta' tkeċċija hija inkwetanti. Din l-ordni tittratta l-persuni bħallikieku kienu kriminali u qed tingħata lil persuni li ma kkommettew l-ebda reat. 'Il fuq minn 1000 persuna qed ikunu suġġetti għal dan it-trattament. Din is-sitwazzjoni hija aggravata meta membri oħra tal-familja jkunu inklużi fl-ordni. 40% tal-persuni detenuti, wara jkunu mitfugħin 'il barra.

b) L-Att tal-Frustieri 2000 jipprovdi l-possibilità li tiġi imposta ordni ta' tkeċċija fuq immigrant irregolari billi jkun iddikjarat bħala frustier mhux mixtieq. Konsegwenza ta' dan, id-dritt ta' immigrant għal residenza legali jispiċċa jew jiġi evitat u sakemm l-ordni tibqa' fis-seħħ, immigrant ma jkunx jista' japplika b'suċċess għall-permess ta' residenza jew għall-ażil. Ir-ritorn jew il-preżenza kontinwa fl-Olanda wara l-ordni ta' tkeċċija tikkostitwixxi reat b'piena massima ta' sitt xhur ħabs.

c) Dawk li jitkeċċew b'notifika biex jitilqu mill-pajjiż, wara li ma tkunx intlaqgħet l-applikazzjoni tagħhom, jitħallew barra fit-toroq. Huma jkunu neqsin minn kollox u ma jkunux jistgħu jaqilgħu l-għajxien tagħhom. Hemm ukoll tħassib serju dwar in-nisa li jkunu lliberati b'dan il-mod. M'għandhomx dritt għall-arranġamenti ta' għajxien xieraq, ta' akkomodazzjoni u ta' servizzi mediċi.

d) Ir-Reġim tad-Detenzjoni tal-fruntieri u l-Att tal-Prinċipju Penitenzjarju huma bbażati fuq reġim kriminali. Madankollu, l-immigranti ma jistgħux jibbenefikaw minn għadd ta' drittijiet tar-reġim kriminali.

e) Il-Politikanti qegħdin jagħtu dehra negattivi lill-immigranti rregolari u lil dawk li qegħdin ifittxu l-ażil, billi jittimbrawhom bħala refuġjati ekonomiċi u kultant kriminali. Dan qed jirriżulta f'nuqqas serju ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem fl-opinjoni pubblika kif ukoll f'dibattiti politiċi dwar dawk li jfittxu l-ażil, immigranti rregolari u immigranti oħra.

f) Waqt iż-żjara, ir-ratifikazzjoni ta' xi strumenti internazzjonali kienu għadhom pendenti. Bħal għadd ta' pajjiżi oħra Ewropej, f'Diċembru 2007 l-Olanda kienet għadha ma ffirmatx il-Konvenzjoni Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Immigranti u tal-Membri tal-Familji tagħhom ('Il-Konvenzjoni tal-Ħaddiema Immigranti', 1990). Barra dan, waqt li l-Olanda ffirmat il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (2005), ir-ratifikazzjoni tagħha kienet għadha pendenti.

g) L-ażil qiegħed jintuża bħala għodda biex jikkontrolla ċ-ċaqliq tal-migrazzjoni u biex jaqtgħu qalb dawk li jistgħu jfittxu l-ażil. Id-dritt għall-ażil ma jistax jiġi dderrogat, ladarba dan mhuwiex dritt addizzjonali mogħti mill-Istati Membri, imma dritt li kull bniedem jkun jista' jitlob skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

h) Mhux qed jingħata biżżejjed ħin lil dawk li jfittxu l-ażil biex jirranġaw il-karti bi tħejjija għar-ritorn tagħhom. Billi jisforzaw barra mis-sistema ta' akkoljenza lil dawk li jkunu jfittxu l-ażil u dan ġie rifjutat lilhom, xi kultant bit-tfal, l-awtoritajiet Olandiżi qegħdin igiegħlu nies jgħixu barra fit-toroq.

i) Hemm wkoll kwistjonijiet dwar id-disponibiltà ta' data rigward l-immigrazzjoni. Rapporti dwar l-iżviluppi tal-immigrazzjoni dan l-aħħar tqassru u saru limitati għall-iżviluppi prinċipali biss. Qegħdin ukoll jiġu ppubblikati anqas frekwenti (darba kull sitt xhur, flok tliet darbiet fis-sena). Barra dan, data speċifika dettaljata dwar gruppi vulnerabbli fid-detenzjoni, bħat-tfal immigranti u l-familji tagħhom, mhix qiegħda tiġi ppubblikata.

Żjara liċ-ċentru

L-aġenda tal-missjoni inkludiet żjara liċ-ċentru ta' detenzjoni f'Schiphol. Matul din iż-żjara d-delegati ngħataw preżentazzjoni u meħudin dawra maċ-ċentru bi gwida mad-Direttur taċ-Ċentru ta' Detenzjoni, id-Deputat Direttur tad-Dipartment tal-Politika tal-Immigrazzjoni kif ukoll uffiċjali miċ-Ċentru tal-Applikazzjoni u mis-Servizz ta' Ripatrijazzjoni u Tluq. Id-delegazzjoni kellha wkoll l-opportunità li tkellem numru ta' migranti li qed joqogħdu fiċ-ċentru u wara ssaqsi xi mistoqsijiet lir-rappreżentanti taċ-ċentru.

Il-preżentazzjoni ngħatat fil-bidu taż-żjara mis-Sur HP SCHREINEMACHERS li huwa d-Deputat Direttur tad-Dipartiment tal-Politika tal-Immigrazzjoni.

Ir-rappreżentanti li ġejjin kienu disponibbli biex iwieġbu għall-mistoqsijiet::

- Alfons MOOREN – id-Direttur taċ-Ċentru ta' Detenzjoni
- HP SCHREINEMACHERS – id-Deputat Direttur tad-Dipartiment tal-Politika tal-Immigrazzjoni.
- Vincent VUIJK – mis-Servizz ta' Ripatrijazzjoni u Tluq
- Michiel MEINARID – il-Maniġer tal-Unità taċ-Ċentru tal-Applikazzjoni
- Theo THIJM – id-Deputat Maniġer tal-Unità taċ-Ċentru tal-Applikazzjoni
- Rappreżentant tar-Royal Marechaussee (pulizija tal-fruntiera)

4.1 Preżentazzjoni Preliminari

Matul l-ewwel preżentazzjoni d-Deputat Direttur semma dawn il-punti prinċipali li ġejjin:

1) Dawk li jfittxu l-ażil japplikaw f'xi ċentru tal-applikazzjoni. 75% tal-applikazzjonijiet isiru f'postijiet barra minn Schiphol, filwaqt li 25% isiru hemm. Dawk li japplikaw fiċ-ċentri l-oħra ma jinżammux arrestati. Dawk li jinżammu arrestati huma dawk li jirrifjutawlhom id-dħul mill-fruntiera.

2) Jekk persuna li rrifjutawlha d-dħul mill-fruntiera, tapplika għall-ażil, din il-persuna titqiegħed f'ċentru tal-applikazzjoni magħluq f'Schiphol u l-proċedura tibda minn hemm. Jekk ikun possibbli t-talba tiġi ttrattata fi żmien 48 siegħa. Jekk it-talba ma tkunx tista' tiġi ttrattata sa dak il-ħin, hemm perjodu ta' sitt ġimgħat biex dan isir, u dawn jiġu trasferiti għal ċentru ta'detenzjoni.

3) Frustieri li jinstabu bi status irregolari fl-Olanda jittieħdu wkoll f'post ta' detenzjoni. Jekk jitolbu għall-ażil, hemm il-perjodu ta' sitt ġimgħat biex l-applikazzjoni tagħhom tkun proċessata. Dawn il-persuni ma jinżammux f'Schiphol, imma f'ċentri oħra. L-ikel, il-kura u l-bżonnijiet edukattivi tagħhom jingħatawlhom.

4) Rapport tal-Kummissjoni ta indikazzjoni ta' kif l-Olanda kienet qed tirrispetta l-linjigwida.[1] Għal dawk il-25% li jinżammu f'Schiphol, ir-rapport ikkonkluda li ċ-ċentru kien addattat. Madankollu kien hemm xi kritika dwar xi ħtiġijiet materjali tal-immigranti.

4.2 Dawra maċ-Ċentru tad-Detenzjoni

1) Id-delegati raw kamra fejn jinżammu l-affarijiet personali tal-immigranti hekk kif jaslu. Meta l-immigranti jaslu fl-ajruport huma jkollhom bagalja u affarijiet oħra personali. Xi kultant ikollhom anke flus magħhom. Din il-bagalja tinżamm f'dawn il-kmamar, li huma mgħassin bil-kameras. Żewġ persuni għandhom iċ-ċwievet ta' dawn il-kmamar:

2) Fil-mument li jidħlu fiċ-ċentru, membri tal-istaff jistaqsuhom dwar x'imdorrijin jieklu, il-ħtiġijiet mediċi u jieħdu l-bagalji tal-immigranti u xi flus/karti li jista' jkollhom fuqhom. Jittieħdu ritratt tal-persuna u data oħra u tingħatalhom kard tat-telefon b'xejn.

3) Lid-delegati qalulhom li madwar 10,000 persuna kull sena jgħaddu miċ-ċentru ta' detenzjoni f'Schiphol. Hemm 308 post b'kollox. Il-loġistika ssir ikkumplikata xi kultant u dan ikun il-ħtija li jintilfu xi affarijiet personali xi tlieta jew erba' darbiet fis-sena.

4) Id-delegati raw iċ-ċelel rinfurzati ta' akkoljenza fejn l-immigranti jinżammu hekk kif jaslu fiċ-ċentru u qabel ma jitilqu. Dawn iċ-ċelel jintużaw biss għal intenzjonijiet ta' ċaqliq u waħda mill-intenzjonijiet tagħhom hija biex jidentifikaw it-traffikanti tad-

[1] COM (2007) 745 final

droga. Il-kmamar huma sempliċi, nodfa u fihom bank. Il-bibien jidhru li huma rinfurzati bil-ħadid.

5) Id-delegati raw *'Pilot Machine'*. Din il-*Pilot Machine* tuża *database* tal-marki tas-swaba' biex toħroġ dettalji dwar persuni li jkunu qed joqogħdu fiċ-ċentru ta' detenzjoni, inkluża informazzjoni speċifika bħal talbiet għall-ikel. L-iskop ta' din il-magna hu biex jevitaw konfużjoni bejn persuni differenti fiċ-ċentru.

6) Ir-Rappreżentanti qalu li opportunitijiet ta' sports (bħal *basketball*) u attivitajiet oħra ta' rikreazzjoni huma disponibbli. Għajnuna medika hija wkoll disponibbli 24 siegħa kull jum. Is-servizzi ta' psikjatra wkoll huma provduti. Il-Kunsill Olandiż tar-Refuġjati għandu uffiċċju fiċ-ċentru u jinżammu relazzjonijiet bejn avukat/klijent.

7) Il-kmamar għall-irġiel u għan-nisa huma separati u fuq kollox kulħadd iħossu protett. Madankollu fin-naħa fejn saret iż-żjara , kien hemm żewġ nisa li qalu li kienu intimidati minħabba li kienu ma' rġiel biss. Ma kienx hemm familji, minorenni jew tfal miżmuma fiċ-ċentru. Il-minorenni jinżammu fiċ-ċentru ta' 'Zestienhoven'. Is-sezzjoni tal-kriminali fiċ-ċentru hija separata mill-post fejn jinżammu dawk li jfittxu l-ażil.

8) Il-bibien taċ-ċelel jinżammu miftuħin il-ġurnata kollha u jingħalqu fid-21.00. X'ħin irid wieħed jista' juża l-bitħa/ftuħ fil-berah għall-arja. Għalkemm l-ikel jiġi provdut, hemm ukoll faċilitajiet tat-tisjir għall-immigranti. Xi kultant xi persuni li jkunu qed joqogħdu fiċ-ċentru jordnaw xi ikel speċifiku ħalli huma jkunu jistgħu jsajru.

9) Hemm bord bl-ismijiet, id-dati tat-twelid, u xi ritratti tal-immigranti wrew li xi wħud mill-immigranti kienu għadhom żgħar. Ir-rappreżentant taċ-ċentru qal li d-data fuq il-bord turi l-età li jgħidu li għandhom l-immigranti. Deher li żewġ persuni, inkluża waħda mara, kienu involuti f'argument dwar l-età. Dawn kienu jinsabu detenuti minkejja l-fatt li r-rappreżentant qal li meta jkun hemm argument dwar l-età, il-benefiċċju tad-dubju jingħata lil dak li jikklemja. F'dawn il-kazijiet issir investigazzjoni u jintbagħtu fil-klinika ta' Eindhoven biex isirilhom test tal-għadam. Ir-rappreżentant ammetta li jista' jkun hemm xi marġini ta' żball b'dawn t-testijiet u qal li f'każijiet bħal dawn l-immigrant dejjem jingħata l-benefiċju tad-dubju.

10) Id-delegati raw ukoll għadd ta' ċelel li fihom joqogħdu l-immigranti. Iċ-ċelel kienu żgħar u kull ċella kienet maħsuba għal żewġ persuni. Iċ-ċelel fihom kamra tal-banju bil-bieb, sett tat-televixin u sett ta' sodod fuq xulxin. Xi delegati ddikjaraw li raw xi kmamar tal-banju mingħajr bieb.

11) Lid-delegati qalulhom li l-immigranti jdumu prattikament sitt xhur f'Schiphol. Madankollu, d-detenzjoni tista' ddum aktar matul il-proċedura tal-appell. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, id-detenzjoni tista' tiżdied għal tnax-il xahar.

4.3 Laqgħa mal-Immigranti

Id-delegati ngħataw l-opportunità li jkellmu lill-immigranti li kienu qegħdin fiċ-ċentru ta' detenzjoni f'Schiphol. Ir-rapporteur irċieva l-kummenti li ġejjin :

1) Persuna mill-Iraq qalet li kien ilu fiċ-ċentru għal xahar u nofs. Hu ddikjara li għandu 67 sena u marid. Hu talab għall-ażil. Il-problema kienet li biex wasal l-Olanda, hu kellu jgħaddi mill-Ungerija. Hu qal li dam fl-Ungerija inqas minn siegħa u bidel l-ajruplan biss hemmhekk. Hu talab għall-ażil fl-ajruport fl-Olanda u mbagħad inġab direttament fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Schiphol. Hu qal li l-Olanda għamlet klejm lill-Ungerija dwar il-każ tiegħu u li issa l-applikazzjoni tiegħu għall-ażil tiddependi fuq it-tweġiba tal-Ungerija. Sadanittant hu lmenta dwar iż-żamma tiegħu f'dan iċ-ċentru.

2) Sudaniż qal li wasal l-Olanda b'passaport falz mis-Sirja. Hu qal li tqiegħed f'‘kamp miftuħ' għal erba' snin. Hu ddikjara li qed isofri mill-ftuq (ernja) u l-malarja. Wara li daħal l-Olanda, hu baqa' sejjer lejn l-Irlanda. Madankollu, l-Irlanda bagħtitu lura lejn l-Olanda. Hu qal li ilu fiċ-ċentru ta' Schiphol disa' xhur b'kollox.

3) Niġerjan qal li hu wkoll kien ilu disa' xhur fiċ-ċentru. Hu kellu passaport Namibjan. Huwa kien deportat lejn in-Namibja, imma n-Namibja reġgħet bagħtitu lura lejn l-Olanda. Hu applika għall-ażil fl-Olanda, imma l-ażil tiegħu kien irrifjutat. Hu ddikjara li l-futur tiegħu issa kien imprevedibbli. Sadanittant kien qed jinżamm fiċ-ċentru.

4) Persuna oħra mill-Iraq qalet li kien ilu fiċ-ċentru ta' Schiphol għal sitt xhur. Hu kien mar l-Ingilterra, imma ntbagħat lura lejn l-Olanda, ukoll minħabba r-regolament Dublin. Hu qal ukoll li kellu l-futur tiegħu inċert.

5) Xi delegati ltaqgħu ma' żagħżugħ li ddikjara li kien għadu m'għalaqx it-18-il sena. Hu qal li meta nqabad hu kien biss għaddej minn Schiphol mat-tim tal-isports tal-iskola tiegħu u lmenta dwar il-proċedura li tikkonċerna l-argument dwar l-età u l-fatt li kien qed jinżamm fid-detenzjoni.

6) Mara qalet li għalkemm hi ma ħassithiex mhedda fejn kienet, xorta ħasset li l-fatt li kien hemm ftit nisa dan kien ibeżżagħha kultant. Barra dan, il-bżonnijiet speċifiċi tan-nisa ma kinux qegħdin jingħataw attenzjoni.

7) Numru ta' immigranti lmentaw dwar in-nuqqas ta' servizzi mediċi. Huma qalu li għal kull ilment dwar saħħithom li kien ikollhom, huma kienu jingħataw biss il-*paracetamol.*

4.4 Sezzjoni ta' diskussjoni

Wara l-dawra maċ-ċentru, id-delegazzjoni kellha l-opportunità li tiddiskuti u tagħmel mistoqsijiet lir-rappreżentanti taċ-ċentru. Dawn kienu t-tweġibiet li ngħataw:

1) L-applikazzjonijiet ta' 25% tal-immigranti f'Schiphol huma rrifjutati immedjatament permezz tal-proċeduri aċċellerati.

2) Hemm kumitat indipendenti li jisma' l-ilmenti tal-immigranti.

3) Dwar il-proċedura aċċellerata, struzzjonijiet ġodda kienu mistennija li jirrendu l-proċedura aktar ġusta u effiċjenti.

4) Jekk xi talba ta' persuna tkun irrifjutata f'Schiphol, hija tista' tappella għal erba' darbiet. Il-proċedura tieħu madwar ġimagħtejn. Sadattant tibqa' fiċ-ċentru ta' detenzjoni. Meta xi appell ikun jidher infondat, deċiżjoni tkun irriversabbli u jittieħdu passi biex il-persuna relevanti tintbagħat lura lejn il-pajjiż tagħha ta' oriġini.

5) Id-detenzjoni ddum sakemm tkun raġonevoli. Madankollu r-regola hija dik ta' sitt xhur. Il-Qrati iridu jagħtu każ jekk il-frustier huwiex responsabbli għad-dewmien. Madankollu, f'każijiet ta' detenzjoni ta' 14 jew 15-il xahar, il-ħelsien jegħleb l-interess tal-Istat u l-immigranti jitħallew jitilqu. Dan ifisser li jitħallew jiġġerrew fit-triq b'dokument li jgħid li jridu jitilqu mill-Olanda.

6) Hemm uffiċċju speċifiku li jittratta l-ilmenti Dublin. Jekk ikun hemm sitwazzjoni li taqa' taħt il-konvenzjoni ta' Dublin, issir talba lill-Istat Membru involut. Filwaqt li t-tweġiba tkun pendenti, il-persuna tibqa' fl-Olanda. Jekk l-Istat Membru l-ieħor ma jaċċettax l-ilment, dik il-persuna tkun intitolata li tapplika għall-ażil fl-Olanda.

Laqgħa mas-Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja Olandiż, is-Sinjura Nebahat Albayrak

Il-laqgħa mas-Segretarju tal-Istat Olandiż, is-Sinjura Nebahat ALBAYRAK saret fil-Ministeru tal-Ġustizzja. Wara l-laqgħa kien hemm konferenza stampa.

Matul il-laqgħa, iddiskutew kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-liġi tal-immigrazzjoni u tal-ażil, flimkien ma' kwistjonijiet li ltaqgħu magħhom matul id-diskussjoni mal-NGOs u fiċ-ċentru ta' detenzjoni f'Schiphol. Il-punti li ġejjin tqajmu mis-Segretarjat tal-Istat:

1) L-Olanda għandha tradizzjoni li tipproteġi lin-nies. L-għan huwa li titkompla din it-tradizzjoni u biex is-sistema titjieb.

2) Id-detenzjoni hija normalment limitata għal sitt xhur. Madankollu f'ċerti każijiet dan il-perjodu ta' żmien ikun meħtieġ li jiżdied. Id-dewmien ta' detenzjoni huwa wkoll suġġett għall-kooperazzjoni tal-persuna in kwistjoni. Is-Segretarju tal-Istat sostniet li jekk l-immigranti jikkoperaw jistgħu jitħallew jitilqu f'sitt ijiem.

3) Jekk tfal akkumpanjati mill-familja tagħhom jaqsmu illegalment il-fruntiera, attwalment huwa possibbli li jinżammu arrestati. Jekk jaslu fl-Olanda b'mod legali, il-familji jittieħdu fiċ-ċentru ta' akkoljenza. Familji jinżammu arrestati biss f'każijiet fejn ikun hemm suspetti serji li dawn jisparixxu. L-idea tkun li jinżammu arrestati għal ġimagħtejn l-aktar, imma din hija proposta li għadha trid tiġi adottata mill-Parlament. Possibilità oħra tkun li jinżamm arrestat wieħed mill-ġenituri biss.

4) Il-Ministeru kien ukoll qed jaħdem biex itejjeb il-kundizzjonijiet għat-tfal (speċjalment dawk detenuti f'Rotterdam) u għall-persuni oħra vulnerabbli, bħan-nisa tqal.

5) Mhuwiex ikkunsidrat li ma jinżammux arrestati aktar tfal akkumpanjati, għax jista' jkun hemm riskju inenerti tal-ġenituri li jabbużaw mis-sistema. Is-Segretarju tal-Istat ikkonfermat li hemm tfal fil-postijiet ta' detenzjoni, imma tfal li huma akkumpanjati mill-ġenituri jintgħażlu kemm jista' jkun minn dawk it-tfal li mhumiex akkumpanjati. Id-detenzjoni hija dejjem limitata kemm jista' jkun.

6) Meta jinstabu l-familji u japplikaw għall-ażil, huma jinżammu f'ċentri miftuħa. Huwa rikonoxxut li l-ambjent fejn jinżammu t-tfal għandu jkun differenti minn dak ta' ħabsijiet normali. Is-Segretarjat tal-Istat qalet li qed isir minn kollox biex jinħoloq ambjent addattat għat-tfal. Id-delegati raw għadd ta' ritratti li juru t-titjieb li sar f'ċentru.

7) Xi kultant l-għażla tkun li jinżamm arrestat wieħed mill-ġenituri, filwaqt li jinħeles il-ġenitur l-ieħor bit-tfal.

8) Il-minorenni jistgħu xi kultant jinżammu arrestati biex jiġi evitat ir-riskju li dawn jaqgħu f'idejn it-traffikanti. L-imħallfin normalment iwaqqfu d-detenzjoni tagħhom wara sitt xhur, imma jistgħu jinżammu għal aktar żmien meta l-identità tal-persuna ma tkunx ċara jew meta l-konsolat tal-pajjiż ta' oriġini ma jikkoperax għar-ritorn tagħhom.

9) It-tfal xi kultant ikunu mmanettjati, imma dan jiġri biss taħt ċirkustanzi eċċezzjonali, bħal meta xi tifel/tifla jsir/ssir vjolenti b'mod inkontrollabbli. Is-Segretarji tal-Istat irreferiet għal każ fejn ittieħdet din il-miżura, speċifikament meta minorenni f'wieħed miċ-ċentri qabbad is-sistema tat-tifi tan-nar b*'lighter*. Wara dawn l-inċidenti, qed isir xogħol biex din is-sistema tan-nar ma tibqax sensittiva għal logħob abbużiv bħal dan.

10) L-awtoritajiet ma jagħtux kas tas-sitwazzjoni ta' nies vulnerabbli. Madankollu m'hemmx pjanijiet biex ma jkunx hemm detenzjoni għal dawn il-gruppi.

11) Matul il-proċeduri tar-ritorn, id-drittijiet tal-immigranti huma osservati. Is-Segretarju tal-Istat spjegat li qabel ma jitilqu jarahom tabib u jittieħdu miżuri biex jikkonfermaw li l-persuna hija b'saħħitha biżżejjed biex issiefer bl-ajruplan.

12) Li jkollok ċentri miftuħin għall-persuni li kienu mkeċċijin u mitluqin jiġġerrew fit-triq, jista' jagħti l-messaġġ ħażin illi l-istat se jieħu ħsiebhom taħt kull ċirkostanza. Dan jagħmel l-espulsjonijiet ineffettivi.

13) Rigward il-kontenut tar-Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-ażil[1], l-Olanda tixtieq xi kjarifikazzjonijiet dwar fuqiex huma bbażati r-rimarki tar-rapport. F'Jannar 2008 kienet se ssir laqgħa mal-Kummissjoni u xi darba fl-2008 l-Olanda kellha tippubblika reazzjoni formali.

14) Iċ-ċentri ta' akkoljenza u ta' detenzjoni huma miftuħin għall-iskrutinju, kif kien il-każ b'din id-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew. Il-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-

[1] COM(2007) 745 final

Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament jew Kastig Inuman jew Degradanti (CPT) għamel żjajjar liċ-ċentri.

11) L-istaff u l-awtoritajiet fiċ-ċentri huma kollha mħarrġin kif jixraq.

12) M'għandux ikun hemm riforma kbira fir-Regolament Dublin. It-titjib meħtieġ għandu jsir permezz tas-Sistema Komuni Ewropea tal-ażil .

Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tar-Rapporteur

Ir-rapporteur jixtieq jinnota li l-awtoritajiet Olandiżi u s-Segretarju tal-Istat ikkoperaw ħafna, kienu sinċiera u disponibbli biex iwieġbu għall-mistoqsijiet li għamlet id-delegazzjoni.

Fuq kollox u meta mqabbla ma' ċentri oħra ta' detenzjoni f'pajjiżi oħra, jidher li l-kundizzjonijiet fiċ-ċentru ta' detenzjoni f'Schiphol jidhru li huma sodisfaċenti.

Fl-aħħar nett ir-rapporteur jixtieq iqajjem dawn il-punti li ġejjin:

1) Anke jekk il-kundizzjonijiet taċ-ċentru ta' detenzjoni f'Schiphol jidhru li huma sodisfaċenti, L-NGOs għamlu enfasi fuq id-dgħajjes ta' detenzjoni ta' Rotterdam u ċ-ċentru f'"Kamp Zeist", meta semmew kundizzjonijiet inaċċettabbli. Jeħtieġ li tingħata aktar informazzjoni dwar dawn iċ-ċentri, speċjalment fid-dawl tal-ilmenti li ressqu l-NGOs.

2) Is-servizzi disponibbli fiċ-ċentru ta' detenzjoni f'Schiphol kif inhuma deskritti għandhom ikunu disponibbli fiċ-ċentri ta' detenzjoni kollha. Dawn jinkludu servizzi mediċi u psikjatriċi tajbin u uffiċini biex jinżammu r-relazzjonijiet ta' avukat/klijent.

3) L-NGOs għandhom jingħataw aċċess totali għaċ-ċentri kollha biex ikunu jistgħu jkomplu xogħolhom skont ir-regolamenti stipulati mill-awtoritajiet Olandiżi.

4) Allegazzjonijiet ta' abbuż, vjolenza u ta' mġiba ħażina mill-awtoritajiet għandhom jittieħdu bis-serjetà u jridu jittieħdu l-miżuri biex issir investigazzjoni u tittieħed azzjoni.

5) Għandu jkun hemm trasparenza totali dwar x'ikun qed jiġri fiċ-ċentri ta' detenzjoni.

6) Flok l-immanettjar, għandhom jinstabu mizuri oħra, biex jiġu kontrollati minorenni inkontrollabbli.

7) Għalkemm il-perjodu massimu ta' detenzjoni kien stabbilit għal sitt xhur bi drawwa, għandu jiġi stabbilit perijodu speċifiku fil-liġi u implimentat.

8) Għandhom jinstabu alternattivi għad-detenzjoni u applikati fil-każ ta' gruppi vulnerabbli u speċjalment għat-tfal u l-minorenni.

9) Irid isir sforz biex jintgħażlu l-immigranti vulnerabbli ħalli jingħataw trattament speċjali, biex ma jkunx hemm każijiet fejn jiġu sfruttati l-vulnerabilitajiet tagħhom.

10) Hemm bżonn ta' aktar informazzjoni ta' kif l-Olanda qiegħda tosserva d-Direttiva dwar l-Akkoljenza.

11) Proċeduri aċċellerati għandhom jintużaw b'kawtela u għandhom jiġu evitati kemm jista' jkun f'każijiet ta' immigranti li jidhru li huma vulnerabbli. Il-faċilità ta' reviżjoni ġudizzjarja m'għandhiex tkun preġudikata permezz ta' proċeduri aċċellerati.

12) Persuni involuti f'argumenti dwar l-età għandhom jitqiesu bħala minorenni u jibqgħu kkunsidrati hekk sakemm l-argument dwar l-età jiġi solvut.

13) In-nisa għandhom jkollhom faċilitajiet li jinżammu separati sabiex jaħsbu għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

ANNEX 1

ЕВРОПЕЙСКИ ПАРЛАМЕНТ PARLAMENTO EUROPEO EVROPSKÝ PARLAMENT EUROPA-PARLAMENTET
EUROPÄISCHES PARLAMENT EUROOPA PARLAMENT ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΚΟΙΝΟΒΟΥΛΙΟ EUROPEAN PARLIAMENT
PARLEMENT EUROPÉEN PARLAIMINT NA hEORPA PARLAMENTO EUROPEO EIROPAS PARLAMENTS
EUROPOS PARLAMENTAS EURÓPAI PARLAMENT IL-PARLAMENT EWROPEW EUROPEES PARLEMENT
PARLAMENT EUROPEJSKI PARLAMENTO EUROPEU PARLAMENTUL EUROPEAN
EURÓPSKY PARLAMENT EVROPSKI PARLAMENT EUROOPAN PARLAMENTTI EUROPAPARLAMENTET

Parlement Européen
Commission des libertés civiles, de la justice et des affaires intérieures
Délégation aux Pays-Bas
19 Décembre 2007

LISTE DES PARTICIPANTS 7

Membres du Parlement Européen

Martine ROURE – Chef de délégation

Simon BUSUTTIL - Rapporteur
Jeanine HENNIS PLASSCHAERT
Rareş-Lucian NICULESCU

Groupes politiques

Michael SPEISER (PPE)
Annie LEMARCHAL (PSE)
Chiara TAMBURINI (GUE)

Assistants

Pauline CHAIGNE (assistante de Martine ROURE)
Marlies KAAL (assistante de Esther de LANGE)
Nanda KELLY (assistante de Jeanine HENNIS PLASSCHAERT)
Jan MICALLEF (assistant de Simon BUSUTTIL)
Nadia POHLMAN (assistante de Wolfgang KREISSL DÖRFLER)
Adriana RAD (assistante de Marian-Jean MARINESCU)
Sander SCHAAP (assistant d' Edith MASTENBROEK)

Secrétariat de la Commission LIBE

Ana DUMITRACHE

Bureau du Parlement Européen aux Pays-Bas

Sjerp VAN DER VAART

Interprètes

FR	NL	EN	RO
DIERICKW P.	SAUER A.	KENNEDY A.	URSU D.
QUAMMAR S.	SIMONS K.	ENNIS M.	MARCU M.
			OLSZEWSKI M.

ANNEX 2

ЕВРОПЕЙСКИ ПАРЛАМЕНТ PARLAMENTO EUROPEO EVROPSKÝ PARLAMENT EUROPA-PARLAMENTET
EUROPÄISCHES PARLAMENT EUROOPA PARLAMENT ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΚΟΙΝΟΒΟΥΛΙΟ EUROPEAN PARLIAMENT
PARLEMENT EUROPÉEN PARLAIMINT NA hEORPA PARLAMENTO EUROPEO EIROPAS PARLAMENTS
EUROPOS PARLAMENTAS EURÓPAI PARLAMENT IL-PARLAMENT EWROPEW EUROPEES PARLEMENT
PARLAMENT EUROPEJSKI PARLAMENTO EUROPEU PARLAMENTUL EUROPEAN
EURÓPSKY PARLAMENT EVROPSKI PARLAMENT EUROOPAN PARLAMENTTI EUROPAPARLAMENTET

European Parliament
Committee on civil liberties, justice and home affairs
Delegation to the Netherlands
19 December 2007

Draft Programme 6

7:52	**Travel** by Thalys *9307* from Gare du Midi, Brussels, to the Schiphol Airport
10:19	Arrival at the Schiphol Airport
10:45 – 12:00	**Briefing meeting with NGOs and organisations** active in the field of asylum and immigration (location: World meeting center BIMS (at the airport), meeting room Vasco da Gama)[1]
12:00 – 13:00	**Lunch** offered by the Dutch Ministry of Justice, Immigration Policy Department - Location: Hotel Schiphol, Rijksweg A4 Nr.3, 2132 MA Amsterdam - Schiphol
13:00 – 13:15	Bus to the Schiphol detention centre
13:15 – 15:00	**Visit of the Schiphol detention centre**[2] *Welcome by Mr HP SCHREINEMACHERS - Deputy Director Immigration Policy Department; Tour in the detention centre; Questions and answers session* *The following representatives will be guiding the tour and will be available for answering questions:* *- Alfons MOOREN - Director of the Detention Centre* *- HP SCHREINEMACHERS - Deputy Director Immigration Policy Department*

[1] **World Meeting Center BIMS**, Westelijke Randweg 43, 1118 CR LUCHTHAVEN SCHIPHOL
T +31 (0) 20 658 0658, F +31 (0) 20 658 0671, www.worldmeetingcenter.nl

[2] **Address of the Schiphol Detention Centre:**
Detentiecentrum Noord-Holland, Ten Pol 64, 1438 AJ OUDE MEER
Tel. (020) 82 22 300, Fax (020) 82 22 324

- Vincent VUIJK - Repatriation and Departure Service
- Michiel MEINARID - Unit manager Application Centre
- Theo THIJM - Deputy Unit manager Application Centre
- Representative of the Royal Marechaussee (border police)

15:00 – 16:30 Bus to The Hague

16:30 – 17:15 **Meeting with the State Secretary for Justice**, Mrs Nebahat ALBAYRAK (location: Ministry of Justice, The Hague[1]) and *possibly*: **doorstep press conference**

Free **return to Brussels**

Our proposal:
17:45 – 18:00 Bus to the station Den Haag HS (Holland Spoor)
18:36 Return from Station Den Haag HS to Brussels *(IC 9260 train)*
Arrival in Brussels: 20:36 Bruxelles Nord;
20:41 Bruxelles Central; 20:45 Bruxelles Midi

Other possibility:
19:06 – 21:08 Thalys *9362* from Station Den Haag HS to the Station Bruxelles Midi (booking in advance needed)

*The **purpose of the visit to the Netherlands** is to ascertain directly the situation of the asylum seekers and irregular migrants in the Netherlands, to check the implementation European Directives such as the Council Directive 2003/9/EC laying down minimum standards for the reception of asylum seekers, as well as to exchange views with government authorities and representatives of civil society.*

*This visit to the Netherlands is part of a **whole series of visits** by members of the LIBE Committee to various EU Member States. Since 2005, similar delegations have been organised to Italy, Spain, France, Malta, Greece, Belgium and UK.*

For further information on the delegation, please contact:

Ana DUMITRACHE
Administrator
European Parliament
Committee on Civil Liberties, Justice and Home Affairs
Tel: 0032 (0)2/28 41416

[1] **Address of the Dutch Ministry of Justice:**
Schedeldoekshaven 100, 2511 EX DEN HAAG
General telephone number: +31 (0)70 3 70 79 11

Fax: 00 32 (0)2/28 44941
E-mail ana.dumitrache@europarl.europa.eu

ANNEX 3

ORGANISATIONS AND NGOS THAT WERE PRESENT AT THE MEETING WITH THE LIBE DELEGATION ON THE 19 DECEMBER 2007

Amnesty International-Dutch Section
Association for Dutch asylum lawyers

BLinN (Bonded Labour in the Netherlands)

Defence for Children International
Drs. J.J.F. van Melle
Dutch League of the Human Rights

Kerkinactie

LOS (Knowledge Centre for Undocumented Migrants)

SAMAH

Stichting LOS

VluchtelingenWerk Nederland / Dutch Council for Refugees